# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**
**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors kostituzzjonali numru 368/2021/1 LM**

**Silvio Coleiro u Giorgina Coleiro**

***v.***

**L-Avukat tal-Istat u Joyce Francis Busuttil**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fl-4 ta' Mejju 2022 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li sabet illi fil-kawża ċivili fl-ismijiet Joyce Francis Busuttil *v.* Silvio Coleiro *et* (rik. nru 402/2016, maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru 2020) l-atturi ma ġarrbu ebda ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq imħares bl-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-"Kostituzzjoni"] u bl-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni Ewropea"].

2. Il-fatti relevanti ġew imfissra hekk minn l-ewwel qorti:

> »6. Ir-rikorrenti istitwew dawn il-proċeduri odjerni in segwitu għall-proċeduri fl-ismijiet Joyce Francis Busuttil *v.* Silvio Coleiro *et* (rikors numru 402/16), li nbdew minn Joyce F. Busuttil bħala proprjetarja ta' porzjon art … il-Mosta, u tal-fond numru 5 fl-istess sqaq. L-ilment ta' Busuttil kien jikkonċerna l-bini ta' ħnejja u t-tqegħid ta' kanċell fl-isqaq mir-rikorrenti f'dawn il-proċeduri, b'tali mod li l-aċċess liberu li allegatament kienet tgawdi Busuttil għall-proprjetà tagħha safa mfixkel, bir-riżultat li issa hija ma tistax tiżviluppa l-art tagħha. Il-konjugi Coleiro fil-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ħadu l-pożizzjoni li l-arkati u l-kanċell in kwistjoni kienu fil-post minn ferm qabel Busuttil xtrat il-proprjetà tagħha. Ġie premess ukoll li bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Marzu 2017, il-qorti ddeċidiet li bil-bini tal-arkati tal-ġebel u l-installazzjoni ta' kanċell tal-ħadid, Coleiro qegħdin iċaħdu lil Busuttil mid-dritt tagħha ta' aċċess liberu għall-użu sħiħ tal-proprjetà tagħha, u għalhekk ikkundannat lil Coleiro jħallu aċċess liberu għall-imsemmija art u jagħmlu dawk il-modifiki, xogħlijiet u/jew demolizzjonijiet neċessarji fi żmien xahar mid-data tas-sentenza sabiex dan l-aċċess jitħalla liberu. Coleiro appellaw minn dik is-sentenza, imma b'sentenza tat-23 ta' Novembru 2020, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla. Ir-rikorrenti f'dawn il-proċeduri qegħdin jilmentaw għaliex fil-fehma tagħhom l-ewwel qorti ma tathomx l-opportunità li jressqu provi u jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom, u dan minkejja li Busuttil ġiet mogħtija tliet seduti sabiex tressaq il-provi tagħha. Ir-rikorrenti spjegaw li waqt l-udjenza tal-14 ta' Novembru 2017, Busuttil iddikjarat li kienet qiegħda tagħlaq il-provi tagħha, u l-kawża marret għas-sentenza. Qalu li huma intavolaw rikors sabiex jitħallew iressqu l-provi tagħhom, iżda l-ewwel qorti ċaħdet dan ir-rikors. Ir-rikorrenti qalu li mhux minnu li huma ma wrew l-ebda interess fil-kawża tagħhom, u, filwaqt li Busuttil ingħatat tliet udjenzi għall-produzzjoni tal-provi tagħha, huma ma ngħataw l-ebda opportunità bħal din. Huwa minħabba f'dan kollu, sostnew ir-rikorrenti, li huma jemmnu li d-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq ġie leż, u dan għaliex huma ma tħallewx iressqu provi dwar il-fatt li l-isqaq in kwistjoni huwa privat u liberu u frank minn kull servitù favur terzi, kuntrarjament għal dak li qiegħda tallega Joyce Busuttil … … …«

3. Peress li dehrilhom illi dan kien bi ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq, l-atturi fetħu din il-kawża tallum u talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi l-esponenti soffrew ksur tad-drittijiet tagħhom għal smigħ xieraq hekk kif sanċiti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u fl-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan fil-proċeduri fl-ismijiet Joyce Francis Busuttil *v* Silvio Coleiro *et* rikors nru 402/2016;
>
> »2. tagħti dawk ir-rimedji kollha li fiċ-ċirkostanzi din il-qorti jidhrilha xieraq u opportuni inkluż imma mhux limitat għal li tannulla s-sentenzi mogħtija kemm fl-istadju tal-appell kif ukoll in prim' istanza fil-kawża 402/2016 fl-ismijiet Joyce Francis Busuttil *v.* Silvio Coleiro *et* u,

minflok, tordna l-proċeduri fl-imsemmija kawża jitkomplew mill-istadju provi konvenuti u / jew kull ordni oħra li din il-qorti tħoss li huwa rimedju xieraq fiċ-ċirkostanzi;

»3. tillikwida l-kumpens dovut lill-esponenti minħabba l-leżjoni minnhom sofferta u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas dak il-kumpens hekk likwidat.

»Bl-ispejjeż … … …«

4. L-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjeż, għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»… … …

»9. Il-qorti tibda billi tagħmilha ċara li f'dan l-istadju hija mhijiex ser tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, u ser tagħmel il-konsider-azzjonijiet tagħha fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti li l-jedd funda-mentali tagħhom għal smigħ xieraq allegatament safa leż meta huma ma ngħatawx l-istess opportunità li ngħatat Joyce Busuttil sabiex iressqu l-provi tagħhom. Il-qorti tirrileva li r-rikorrenti qegħdin jilmentaw minn *inequality of arms*, u li ma kien hemm l-ebda *fair balance* bejn il-partijiet. Kwantu għall-ilment tar-rikorrenti li l-kundizzjonijiet applikabbli għall-partijiet ma kinux l-istess, il-qorti tosserva li b'kollox saru seba' seduti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Kien hemm numru ta' seduti li fihom la r-rikorrenti u lanqas l-avukat difensur tagħhom ma dehru, għalkemm mill-atti jirriżulta li l-avukat difensur tar-rikorrenti deher quddiem il-Prim'Awla wara l-udjenza tal-14 ta' Lulju 2016 sabiex ħa konjizzjoni tal-verbal, u deher ukoll fl-udjenzi tat-3 ta' Novembru 2016, u fil-21 ta' Marzu 2017. Waqt din l-udjenza tal-aħħar, l-avukati difensuri tal-partijiet irrimettew ruħhom fir-rigward tar-relazzjoni tal-perit tekniku. Mill-verbali tal-udjenzi l-oħra li saru, jirriżulta li la r-rikorrenti u lanqas l-avukat difensur tagħhom ma dehru quddiem il-qorti. Waqt l-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2017, l-ewwel qorti qalet li l-kawża kienet qiegħda tiġi differita għall-provi kollha tal-partijiet. Il-fatt li la r-rikorrenti u lanqas l-avukat difensur tagħhom ma kienu preżenti għal dik l-udjenza ċertament li ma jiġġustifikax il-fatt li fl-udjenza ta' wara la r-rikorrenti u lanqas l-avukat difensur tagħhom ma dehru quddiem il-qorti. Il-verbali tal-udjenzi huma disponibbli fuq is-sistema elettronika tal-qorti u kull min għandu interess f'xi proċeduri partikolari jista' jsegwi l-verbali u jara f'liema stadju waslet il-kawża tiegħu b'mod elettroniku. Mill-kontro-eżami li sar lir-rikorrent, jirriżulta li dan qajla wera interess fil-proċeduri mibdija fil-konfront tiegħu, u ammetta li huwa ħalla kollox f'idejn l-avukat tiegħu. Fil-fehma tal-qorti dan hu każ klassiku ta' *self-inflicted hardship*, meta persuna tpoġġi lilha nnifisha f'sitwazzjoni diffiċli, u sussegwentement tara kif tagħmel biex timputa fuq ħaddieħor il-ħtija għall-konsegwenzi li jkollha tiffaċċja.

»10. Il-qorti tqis li għalhekk mhuwiex minnu dak li ġie allegat mir-rikorrenti li l-ewwel qorti ma tatx lir-rikorrenti l-opportunità li jressqu l-provi tagħhom, għaliex kien hemm seduta sħiħa allokata għal dan il-għan, dik tal-14 ta' Novembru 2017. Dakinhar la r-rikorrenti u lanqas l-avukat difensur tagħhom ma dehru, minkejja li l-verbal tal-udjenza preċedenti kien jgħid ċar li dik l-udjenza kienet intiża għall-għeluq tal-provi kollha tal-partijiet. Il-qorti tfakkar li d-dritt għal smigħ xieraq huwa

> mwieżen ukoll minn prinċipju ieħor daqstant fundamentali u importanti fid-determinazzjoni tal-kawżi, dik li kawża tinstema' fi żmien raġonevoli, u għalhekk kawża ma tistax tibqa' tiġġebbed u titwal indefinittivament skont il-konvenjenza ta' xi parti jew oħra.
>
> »… … …
>
> »15. Il-qorti tqis li r-rikorrent m'għarafx isegwi l-andament tal-proċeduri li kien involut fihom, bir-riżultat li minkejja li ngħata l-opportunità jressaq il-provi tiegħu waqt udjenza maħsuba sabiex fiha jingħalqu l-provi tal-partijiet, dakinhar li saret din is-seduta la r-rikorrent u lanqas l-avukat difensur tiegħu ma dehru quddiem il-qorti, bir-riżultat li l-kawża ġiet differita għas-sentenza. Għall-qorti dan mhux każ fejn inkiser il-jedd fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq, u għalhekk sejra tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom.«

5. L-atturi appellaw b'rikors tat-23 ta' Mejju 2022 li għalih wieġbu l-Avukat tal-Istat fit-8 ta' Ġunju 2022 u l-konvenuta Busuttil fid-19 ta' Settembru 2022.

6. L-appell tal-atturi ġie mfisser hekk:

> »Fl-ewwel lok l-aggravju tal-esponenti jikkonsisti fil-fatt illi l-qorti … kkunsidrat illi ma kien hemm l-ebda nuqqas jew ksur tad-dritt għall-smigħ xieraq tal-esponenti meta l-qorti oriġinali kienet bagħtet il-kawża għas-sentenza fl-istess ġurnata li fiha l-intimata f'din il-kawża u rikorrenti fil-kawża oriġinali għalqet il-provi tagħha, mingħajr effett-ivament il-fakultà illi l-esponenti iressqu l-provi tagħhom, u wisq anqas mingħajr il-fakultà illi tal-anqas jintavolaw nota ta' sottomissjonijiet jew jagħmlu trattazzjoni fuq il-każ.
>
> »Għall-faċilità, huwa tajjeb li jingħata rendikont ta' kif imxew il-proċeduri f'dik il-kawża li qiegħda tiġi ikkontestata f'dawn il-proċeduri għal mod kif imxiet proċeduralment:

| | |
|---|---|
| »23 ta' Mejju 2016 | rikors intavolat minn Joyce Francis Busuttil |
| »11 ta' Lulju 2016 | risposta ta' Silvio Coleiro *et* |
| »14 ta' Lulju 2016 | l-ewwel dehra fejn dehru l-avukati taż-żewġ partijiet. Ġie appuntat il-perit tekniku. Iż-żewġ partijiet ma dehrux skond l-istess verbal |
| »3 ta' Novembru 2016 | dehret biss l-avukata tar-rikorrenti fejn xehed il-perit tekniku. Iż-żewġ partijiet ma dehrux skond l-istess verbal |
| »21 ta' Marzu 2017 | deher biss l-avukat tar-rikorrenti. Iż-żewġ partijiet ma dehrux skond l-istess verbal. Il-kawża ġiet differita għall-provi tar-rikorrenti |

| | |
|---|---|
| »11 ta' Mejju 2017 | dehret biss l-avukat tar-rikorrenti u l-kawża ġiet differita għal-provi tar-rikorrenti għat-tieni darba |
| »4 ta' Ottubru 2017 | deher l-avukat tar-rikorrenti flimkien mar-rikorrenti li dehret għal ewwel darba sabiex tixhed bil-ġurament tagħha. Il-kawża imbad ġiet differita "għall-provi kollha" |
| »14 ta' Novembru 2017 | deher l-avukat tar-rikorrenti fejn għalaq il-provi tiegħu u erronjament informa l-qorti li l-kontroparti u / jew l-avukat tagħha "qatt ma dehru f'dawn il-proċeduri" u talab li l-kawża tiġi differita għas-sentenza liema talba ġiet milqugħa mill-qorti |

»Kif jirriżulta mill-verbali tal-kawża huwa ċar li meta fis-seduta tat-14 ta' Novembru 2017 l-qorti laqgħet it-talba tal-avukat difensur tal-atturi mingħajr ma għamlet il-verifiki jekk dak li kien qiegħed jintqal mill-istess huwiex veritier u b'hekk iddifferixit il-kawża għas-sentenza mingħajr l-esponenti l-anqas biss ingħata seduta waħda dedikata għal-provi tiegħu – a kuntrarju ta' dak li ingħata lill-attur – l-esponenti ġie mċaħħad milli jippreżenta il-provi tiegħu bl-istess kundizzjonijiet u opportunitajiet li ingħata ir-rikorrenti.

»Li kieku l-qorti għamlet eżerċizzju ta' verifika ta' dak li kien qiegħed jintqal mill-avukat difensur tal-attur, li setgħa faċilment jsir b'titwila lejn il-verbali preċedenti, kien joħroġ biċ-ċar li mhux veru li l-intimati abbandunaw dawk il-proċeduri għaliex kif jidher mill-verbali tal-kawża in kontestazzjoni dawn kienu jidhru *tramite* l-avukati tagħhom, salv meta kienet appuntata għal provi tar-rikorrenti.

»Sussegwentament, ftit ġranet qabel ma' kellha tinqata is-sentenza fit-5 ta' Marzu 2018, l-intimati intavolaw rikors sabiex jissospendu il-prolazzjoni tas-sentenza iżda din ġiet miċħuda fl-istess seduta li fiha ngħatat is-sentenza li ġiet deċiża mingħajr stadju ta' provi għal konvenuti.

»Minn dik is-sentenza sar appell fejn fl-ewwel aggravju l-esponenti kienu eċċepew li ma ngħatawx l-opportunità li jressqu il-provi tagħhom. Filwaqt li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha datata 23 Novembru 2020 tat raġun lill-appellant sa' fejn:

> »"Minn eżami bir-reqqa tal-verbali su-indikati, jirriżulta lil din il-qorti li għandhom raġun il-konvenuti meta jgħidu li mhux minnu li qatt ma dehru għall-proċeduri, kif iddikjara erronjament id-difensur tal-attriċi fl-aħħar verbal qabel is-sentenza, u kif iddikjarat ukoll erronjament l-ewwel qorti."

»Iżda l-Qorti tal-Appell kompliet billi ma laqgħatx l-aggravju u dan għaliex l-intimati damu sa ftit ġranet qabel id-data skedata għas-sentenza sabiex jintavolaw rikors għas-sospenzjoni tal-istess.

»Effettivament tajjeb li jingħad ukoll illi l-appellata Joyce Busuttil tul dawk il-proċeduri kienet dehret biss personalment f'seduta waħda biss fejn hija kienet tat x-xhieda tagħha. Hija ma dehret fl-ebda seduta oħra, kif *del resto* jirriżulta mill-verbali.

»Huwa minnu li l-esponenti naqas milli jidher, u forsi kien żbaljat fil-fatt li ħalla f'idejn l-avukat preċedenti tiegħu kif ħareġ mix-xhieda tiegħu f'din il-kawża, però dan ma jbiddilx mill-fatt illi l-esponenti fil-kawża oriġinali la tħalla jagħmel sottomissjonijiet u lanqas ingħata seduta għalih biex iressaq il-provi tiegħu.

»Tajjeb li jingħad illi r-rikorrenti f'dik il-kawża, minkejja illi kellha l-opportunità li tressaq il-provi tagħha fi tliet seduti, kull ma utilizzat hija seduta waħda meta xehdet hi. Il-bqija, effettivament ħliet iż-żewġ seduti l-oħra meta ma ressqet l-ebda prova. L-istess opportunità ma ngħatatx lill-esponenti li, kif jirriżulta, malli għalqu l-provi n-naħa l-oħra, il-kawża ntbagħtet direttament għas-sentenza mingħajr ma lanqas biss l-esponenti ngħata l-fakultà jressaq il-provi tiegħu u s-sottomissjonijiet tiegħu quddiem il-qorti.

»Anki meta persuna ikun kontumaċi, *ai termini* tal-liġi għandu l-opportunità jressaq nota ta' sottomissjonijiet, aħseb u ara kemm kellu jingħata dik l-opportunità l-esponenti li fuq kollox kien irrisponda bir-risposta ġuramentata tiegħu għall-kawża imressqa minn Joyce Busuttil.

»Li kieku l-esponenti Coleiro ingħataw l-istess opportunitajiet, huma wkoll kienu beħsiebhom jixhdu u jippreżentaw l-evidenza tagħhom u dan kif stqarr Silvio Coleiro stess fl-*affidavit* tiegħu għall-proċeduri odjerni fejn jgħid li dak li qalet il-kontroparti "jiena nikkontestah u għandi provi li jmorru lura aktar minn 40 sena li juri li Joyce Busuttil m'għandhiex id-drittijiet li qiegħda tgħid li għandha".

»Fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2019 id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li tmur għas-sentenza malli l-attur indika l-għeluq tal-provi tiegħu u fejn il-qorti straħet fuq allegazzjonijiet mhux korretti tal-atturi mingħajr ma għamlet il-verifiki tagħha, ikkawżat *inequality of arms* bejn il-kontendenti u b'konsegwenza ġiet ikkawżata leżjoni tad-drittijiet ta' smigħ xieraq fuq l-esponenti.

»Għalhekk, skond l-esponenti, il-qorti ma użatx metraġġ ekwu jew aħjar *a fair balance between the parties* meta hija, fis-seduta li fiha ngħalqu l-provi tal-attur, bgħatet l-kawża għas-sentenza.

»Fil-kawża fl-ismijiet Regner *v.* Czech Republic (ECHR, 2017, para 146) il-qorti Ewropea irretenit b'referenza anke ta' diċitura preċedenti tal-istess qorti:

> »"The Court reiterates that the adversarial principle and the principle of equality of arms, which are closely linked, are fundamental components of the concept of a "fair hearing" within the meaning of Article 6 para 1 of the Convention. They require a "fair balance" between the parties: each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-a-vis his opponent or opponents ... ... ..."

»Huwa ċar li f'din il-kawża l-kundizzjonijiet applikabbli għaż-żewġ partijiet ma kinux l-istess fejn l-esponenti ma kellux stadju ta' provi tiegħu effettiv u għalhekk tpoġġa *at a substantial disadvantage vis-a-vis his opponent or opponents*

»*Inoltre* ma tgħidx li l-istess kawża in kwistjoni kienet qiegħda tieħu fit-tul li wassal il-qorti biex tmur għal prolazzjoni tas-sentenza minħabba xi dewmin esaġerat għax kien hemm xi riskju li jiġi vjolat id-dritt għal

smigħ xieraq minħabba tul. Anka li kieku għal grazzja tal-argument dan kien il-każ, semmai huwa ir-rikorrenti li kien qiegħed jieħu fit-tul sabiex jippreżenta l-provi tiegħu u dan għaliex fi tliet seduti dedikati għal provi tiegħu, waħda biss kienet utli.

»L-esponenti jħossu wkoll aggravat bil-fatt illi l-qorti fil-prim' istanza qieset li l-qorti kienet korretta meta ħalliet il-kawża għas-sentenza *stante* illi l-kawża trid tiġi deċiża fi żmien raġjonevoli, *stante* illi ħarsa lejn il-proċess juri li l-esponenti bl-ebda mod ma ħela l-ħin tal-qorti jew intalċja l-prosegwiment tal-kawża, imma semmai kienet l-intimata odjerna li, fis-seduti imħollija lilha għall-provi tagħha, għamlet xi ħaġa biss f'seduta waħda.

»Huwa ċar li l-kundizzjonijiet li ġew applikati fil-konfront taż-żewġ kontendenti ma kinux l-istess tant li rikorrent soffra *inequality of arms* u b'konsegwenza ksur tas-smigħ xieraq kif sanċit b'artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fil-kawża nru 402/2016 fl-ismijiet Joyce Francis Busuttil *v.* Silvio Coleiro *et* u għalhekk qegħdin jitolbu rimedji xieraq u effettiv.

»Fuq kollox b'ħarsa lejn il-verbal tal-14 ta' Novembru 2011 il-qorti lanqas biss għalqet uffiċjalment jew direttament il-provi tal-esponenti, li *del resto* lanqas biss qatt infetaħ tali stadju *stante* illi l-qorti kienet qiegħdet l-kawża għas-sentenza direttament.«

7. Il-prinċipju tal-parità tal-armi fil-proċeduri ġudizzjarji jfisser illi kull parti għandha jkollha opportunità xierqa biex tressaq u tiddefendi l-każ tagħha[1]. Jekk parti, wara li tkun ingħatat dik l-opportunità, ma tinqediex biha – sakemm dan ma jkunx għal raġunijiet li ma jkunux imputabbli lilha u li ma jkollhiex kontroll fuqhom – ma tistax imbagħad tilmenta li ma ngħatatx smigħ xieraq, ukoll jekk, minħabba f'nuqqas tagħha stess, tkun tat vantaġġ lill-parti l-oħra.

8. Naraw mela kif tmexxiet il-kawża bejn Busuttil u Coleiro, li dwarha saret il-kawża tallum, biex naraw jekk l-atturi tallum, konvenuti f'dik il-kawża, ingħatawx l-opportunità li jressqu l-każ tagħhom u jekk kienx b'nuqqas tagħhom li dik l-opportunità ma nqdewx biha.

---

[1] Ara *e.g.* A.B. *v.* Slovakia, Q.E.D.B. 4 ta' Marzu 2003, rik. 41784/98: "55. The principle of equality of arms – one of the elements of the broader concept of a fair trial – requires that each party should be afforded a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage *vis-à-vis* his or her opponent".

9. Il-kawża nfetħet minn Busuttil, waħda mill-konvenuti tallum, b'rikors maħluf ippreżentat fit-23 ta' Mejju 2016 li l-atturi tallum wieġbu għalih fil-11 ta' Lulju 2016.

10. L-ewwel seduta saret fl-14 ta' Lulju 2016, u l-verbal tas-seduta igħid hekk:

> »Meta ssejħet il-kawża dehret Dr Rachel Montebello għar-rikorrenti [*sc.* li] msejħa diversi drabi ma dehritx.
>
> »L-intimati u Dr Franco Debono msejħa diversi drabi ma dehrux.
>
> »Dr Rachel Montebello titlob li jiġi maħ-tur perit tekniku biex tistabilixxi u tindika l-oġġett mertu tal-kawza u tindika bil-preċiżjoni fejn ġie kostruwit il-materjal in diżamina. Il-qorti tilqa' t-talba u tappunta għal dan il-għan lill-Perit Marie Louise Caruana Galea.
>
> »Il-kawża ġiet differita għar-relazzjoni għat-3 ta' Novembru 2016 fid-9.00 *a.m.*
>
> »Il-kawża ġiet rikjamata fuq talba ta' Dr Amadeus Cachia li ħa konjizzjoni tad-differiment.«

11. Fit-3 ta' Novembru 2016 sar dan il-verbal:

> »Meta ssejħet il-kawża dehret Dr Rachel Montebello għar-rikorrenti [*sc*. li] msejħa diversi drabi ma dehritx.
>
> »Deher Dr Amadeus Cachia għall-intimati [*sc.* li] msejħa diversi drabi ma dehrux.
>
> »Dehret il-perit tekniku, il-Perit Marie Louise Caruana Galea.
>
> »Xehdet bil-gurament il-Perit Marie Louise Caruana Galea.
>
> »Il-kawża ġiet differita għall-21 ta' Marzu 2017 fl-10.00 *a.m*. għall-eżami tar-rapport.«

12. Il-verbal tal-21 ta' Marzu 2017 igħid hekk:

> »Meta ssejħet il-kawża deher Dr Louis Bianchi għar-rikorrenti [*sc.* li] msejħa diversi drabi ma dehritx.
>
> »Deher Dr Amadeus Cachia għall-intimati [*sc.* li] msejħa diversi drabi ma dehrux.
>
> »Dehret il-perit tekniku, il-Perit Marie Louise Caruana Galea.
>
> »L-abbli rappreżentanti legali fuq indikati infurmaw lill-qorti li ma għandhom xejn xi jgħidu fir-rigward ir-rapport tal-perit tekniku.
>
> »Il-kawża ġiet differita għall-11 ta' Mejju 2017 fil-11.00 *a.m*. għall-provi tar-rikorrenti.«

13. Il-verbal tal-11 ta' Mejju 2017 igħid hekk:

»Meta ssejħet il-kawża dehret Dr Rachel Montebello għar-rikorrenti [*sc.* li] msejħa diversi drabi ma dehritx.

»Dr Franco Debono u Dr Amadeus Cachia msejħa diversi drabi ma dehrux.

»Il-kawża ġiet differita għall-provi tar-rikorrenti ghall-4 t' Ottubru 2017 fl-10.00 *a.m*.«

14. Fl-4 ta' Ottubru 2017 tniżżel dan il-verbal:

»Meta ssejħet il-kawża deher Dr Louis Bianchi għar-rikorrenti preżenti fl-awla.

»L-intimati, Dr Franco Debono u Dr Amadeus Cachia msejħa diversi drabi ma dehrux.

»Xehdet bil-ġurament Joyce Francis Busuttil li ppreżentat Dok. JFB.

»Il-kawża ġiet differita għall-14 ta' Novembru 2017 fl-10.00 *a.m*. għall-provi kollha.«

15. Il-verbal tal-14 ta' Novembru 2017 igħid hekk:

»Meta ssejħet il-kawża deher l-Av. Louis Bianchi għar-rikorrenti; l-Av. Franco Debono u l-Av. Louis [*sic*] Cachia għall-intimati msejħin ma dehrux.

»L-Av. Bianchi informa lill-qorti li ma għandux aktar provi x'jipproduċu u informa lill-qorti wkoll illi lintimati u l-abbli rappreżentanti legali taghhom qatt ma dehru f'dawn il-proċeduri u jitlob li l-kawża titħalla għas-sentenza.

»Il-qorti tilqa' t-talba u tiddifferixxi l-kawża għall-5 ta Marzu 2018 għas-sentenza fid-9.00 *a.m*.«

16. Il-konvenuti, atturi tallum, b'rikors 1 ta' Marzu 2018 talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u qalu li mhux minnu dak verbalizzat fl-14 ta' Novembru 2017 li qatt ma dehru għall-proċeduri. B'dikriet tal-5 ta' Marzu 2018 l-ewwel qorti ċaħdet it-talba għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Rat ir-rikors datat l-1 ta' Marzu 2018.

»Tirrileva li dak indikat mir-rikorrenti – li fil-verbal tas-seduta pre-ċedenti hemm indikat li r-rikorrenti u l-avukati tagħhom qatt ma dehru – mhux preċiż.

»Fil-fatt dak hemm indikat hu li tali affermazzjoni saret biss mill-avukat tar-rikorrenti [*recte*, tal-atturi] u mhux verbal tal-qorti.

»Minn eżami tal-proċess però jirriżulta li dak li ġibed l-attenzjoni għalih l-avukat tar-rikorrenti [l-atturi] hu minnu *stante* li, wara li kienet

ippreżentata r-risposta tal-intimati [konvenuti], kemm l-intimati kif ukoll l-avukati taghhom qatt ma dehru fil-proċedura.

»Għalhekk ir-rikors odjern hu biss tentattiv tardiv li jostakolaw il-proċedura, u dan kontra l-aħjar interessi tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, *molto più* meta tali rikors jitwassal lill-ġudikant sottoskritt minuti qabel ma tiġi ppronunzjata s-sentenza li kienet ilha ippro-grammata mill-udjenza tal-14 ta' Novembru 2017.

»Filwaqt li tissottolinea li r-rikors odjern hu rażenti d-disprezz *stante* li qed tigi abbużata l-procedura, tirrespinġi t-talba.«

17. Dakinhar ukoll ingħatat is-sentenza u tniżżel dan il-verbal:

»Meta ssejħet il-kawża deher Dr Louis Bianchi għar-rikorrenti [*sc.* li] msejħa diversi drabi ma dehritx.

»L-intimati, Dr Franco Debono u Dr Amadeus Cachia msejħa diversi drabi ma dehrux.

»Inqrat u ngħatat is-sentenza.«

18. Il-kawża nqatgħet kontra l-konvenuti, atturi tallum, u dawn ressqu appell minnha. Fost l-aggravji kien hemm dak illi l-ewwel qorti ma tathomx opportunità li jressqu l-provi u jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom. Il-Qorti tal-Appell ċaħdet dan l-aggravju għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»16. Il-konvenuti appellanti f'dan ir-rikors tal-appell isostnu li mhux minnu li qatt ma dehru, u dan kemm quddiem il-qorti u kif ukoll quddiem il-perit tekniku. Huma jħossuhom aggravati li ma ngħatawx l-opportunità jippreżentaw il-provi u s-sottomissjonijiet tagħhom.

»17. Minn eżami bir-reqqa tal-verbali su-indikati, jirriżulta lil din il-qorti li għandhom raġun il-konvenuti meta jgħidu li mhux minnu li qatt ma dehru għall-proċeduri, kif iddikjara erronjament id-difensur tal-attriċi fl-aħħar verbal qabel is-sentenza, u kif iddikjarat ukoll erronjament l-ewwel qorti. Madanakollu ma jistax ma jiġix osservat li fl-4 ta' Ottubru 2017 il-kawża tħalliet "għall-provi kollha" għall-14 ta' Novembru 2017 f'liema data l-konvenuti ma dehrux. Dakinhar, il-kawża marret għas-sentenza. Veru li dan sar wara d-dikjarazzjoni mhux korretta li għamel id-difensur tal-attriċi (li l-konvenuti u d-difensur tagħhom "qatt" ma dehru); iżda l-konvenuti mbagħad damu xejn anqas minn tliet xhur u nofs biex talbu s-sospenzjoni tas-sentenza u ppreżentaw tali rikors biss erbat ijiem qabel id-data tas-sentenza. *In vista* ta' tali nuqqasijiet din il-qorti ma jidhrilhiex li huma ġustifikati jilmentaw li ma ngħatawx opportunità jressqu l-provi tagħhom.«

19. Effettivament, għandu jkun biżżejjed li ngħidu illi l-kwistjoni jekk il-konvenuti ngħatawx opportunità jressqu l-każ tagħhom ġà ġiet deċiża

b'sentenza li saret finali, illi l-kawża tallum ma hijiex appell minn dik id-deċiżjoni, u illi għalhekk, sa fejn l-argument tal-atturi li ma ngħatawx smigħ xieraq huwa msejjes fuq il-premessa illi ma tħallewx iressqu l-każ tagħhom, dak l-argument huwa msejjes fuq premessa li ġà huwa deċiż li hija falza.

20. Nistgħu nieqfu hawn, mhux għax id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell dwar din il-kwistjoni hija *res iudicata* (għax l-Avukat tal-Istat ma kienx parti f'dik il-kawża) iżda għax "meta ilmenti ta' parti indirizzati lejn nuqqas ta' smigħ xieraq ikunu ġew investigati u miċħuda mill-Qorti tal-Appell – li tkun eżaminat jekk ġewx osservati l-prinċipji ta' ġustizzja naturali li jwasslu għal smigħ xieraq – ikun jirrażenta l-abbuż tal-process ġudizzjarju li l-istess ilmenti jerġgħu jitressqu għall-konsiderazzjoni ta' din il-qorti. L-eżami li trid taghmel din il-qorti biex tittratta l-aggravji tar-rikorrenti għamlitu diġà l-Qorti tal-Appell u l-appellant issa jippretendi li din il-qorti tittratta dawk l-aggravji għat-tielet darba!"[2].

21. Madankollu, f'kull każ, ukoll wara apprezzament awtonomu tal-provi, u meta tqis ukoll l-allegazzjoni tal-atturi tallum illi fil-kawża ċivili li fiha kienu konvenuti ma tħarsitx il-parità tal-armi, din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi lill-atturi ma seħħilhomx juru li ġarrbu ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

22. Huwa minnu illi l-avukat tal-atturi tallum kien deher fl-ewwel tlieta mis-sitt seduti (sebgħa jekk tqis ukoll dik lli fiha ngħatat is-sentenza) li saru quddiem il-Prim'Awla. Huwa minnu wkoll illi fis-seduta tal-11 ta' Mejju

---

[2] Ara <u>Peter Paul Muscat *v.* Mario Muscat *et*</u>, Kost. 24 ta' Ġunju 2011, rik. 37/2008, p. 55

2017, li kienet differita għall-provi tal-konvenuta tallum (attriċi fil-kawża ċivili), ma tressqux provi. Iżda deher l-avukat tal-konvenuta tallum, u ma deher ħadd min-naħa tal-atturi tallum biex jitlob illi l-provi tal-konvenuta jitqiesu magħluqa. U lanqas ma seta' jingħad f'dak il-waqt illi l-konvenuta ma kinitx qiegħda tieħu interess fil-kawża għax f'kull seduta li saret kien deher l-avukat tagħha għaliha.

23. Min-naħa l-oħra, meta tqis illi wara l-ewwel tliet seduti ma deher ħadd għall-atturi tallum, illi r-rikors għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ressquh biss erbat ijiem qabel ma s-sentenza kellha tingħata, u meta tqis ukoll illi, minkejja r-rikors għas-sospensjoni, xorta ma ħadux ħsieb li jidhru għallinqas dakinhar li kellha tingħata s-sentenza, issir inevitabbli l-konklużjoni illi l-atturi tallum baqgħu ma ressqux il-provi tagħhom mhux għax ma ngħatawx opportunità jagħmlu hekk, jew għax ma kienx hemm parità tal-armi għax il-konvenuta tallum ingħatat trattament preferenzjali, iżda għax kienu traskurati, ma ħadux interess fil-kawża u ma nqdewx bl-opportunità li ngħatatilhom biex iressqu l-provi tagħhom.

24. Ksur ta' dritt fondamentali huwa ħaġa serja, u nkunu qegħdin inwaqqgħu l-gravità ta' dikjarazzjoni ta' ksur jekk ngħidu li f'ċirkostanzi bħal dawn, fejn dak li jispikka huwa biss it-traskuraġni tal-atturi tallum, kien hemm ksur ta' dritt fondamentali. Parti f'kawża għandha tieħu interess f'dik il-kawża u ssegwiha b'diliġenza; id-drittijiet fundamentali ma humiex hemm biex jagħmlu tajjeb għat-traskuraġni tagħha. U lanqas ma għandhom il-partijiet jingħataw x'jaħsbu illi għas-seduti jattendu biss meta jfettlilhom, jew anke

ma jattendu xejn, però ma jkun ġara xejn għax kollox jissewwa b'kawża kostituzzjonali.

25. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuom l-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Mark Simiana<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da